MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 548/2008

**Amabile Grech**
**I.D. 036147(M)**

**Vs**

**Pass Developers Limited**
**c-20861**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li talab li dan it-Tribunal jiddikjara li hemm arrikkiment indebitu fis-somma ta’ elfejn u hames mija u hmistax-il Ewro (€2,515) ekwivalenti ghal elf u disgha u sebghin lira u disgha u sittin centezmu Maltin (Lm1,079.69), rapprezentanti flus fi hlasijiet ghax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta’ konvenuta, fuq inkarigu tar-rikorrenti fil-fond “Geormann,” Triq il-Palazzi, Zejtun u dan wara li r-rikorrenti gie kkundannat ihallas is-somma indikata f’kawza fl-ismijiet *Pass Developers Ltd. vs Amabile Grech* deciza fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Novembru, tas-sena elfejn u sebgha (Avviz Nru. ***1073/06***) nonostante li l-hlas kien sar.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepixxa illi preliminarjament, l-azzjoni tal-attur hija legalment insostenibbli billi l-attur ma jistax lanqas parzjalment jattakka sentenza jew l-effetti tas-sentenza li ghaddiet in gudikat kif jigri fil-prattika jekk it-talba tieghu tigi accettata.

Illi, preliminarjament ukoll l-konvenut gie kkanonizzat fid-dritt tieghu permezz ta' sentenza ta' dan l-istess Tribunal deciza fit-28 ta' Novembru, 2007 bin-numru ta'l-Avviz ***1073/06 VGD*** u ghalhekk ma jista' qatt u bla ebda mod jissussistu l-elementi ta' l-arrikkiment indebitu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ra s-sentenzi esebiti mill-partijiet.

Ra x-xhieda ta' Anthony Ciantar, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta u kkonferma li kienet fethet kawza kontra l-attur u per konsegwenza s-socjeta' konvenuta kienet rebhet il-kawza, izda ma kienitx thallset il-flus.

Kien jaf li kienu gew iddepositati xi flus il-Qorti, izda ma kienx gabarhom u s-socjeta' qatt ma kienet ircevithom.

Ikkunsidra

L-attur intavola dina l-kawza peress li jinsisti li kien hemm arrikiment indebitu da parti tas-socjeta' konvenuta ghaliex kienet fethet kawza kontrih, fl-ismijiet *Pass Developers Ltd. vs Amabile Grech* deciza fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, tas-sena elfejn u sebgha (Avviz Nru. 1073/06).

F'dina l-kawza s-socjeta' konvenuta kienet talbet hlas ta' xogholijiet li kienet wettqet ghall-konvenut, liema xoghol kien gie miftiehem bejn il-partijiet fuq stima ta' perit.

Issa, in vista ta' l-ewwel eccezzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta, l-attur jinsisti li kien ghamel il-pagament qabel ma nfethet il-kawza kontrih mis-socjeta' attrici.

Huwa minnu li fix-xhieda tieghu Anthony Ciantar, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici jghid li kien jaf li kien hemm xi flus li gew depositati, izda bhala socjeta’ din qatt ma rcevewhom. L-attur jinsisti li kien hallas, izda jekk kien minnu, mill-istess kawza li marret in gudikat minn dan it-Tribunal, jirrizulta li l-konvenut kien gie debitament notifikat, izda qatt ma pprezenta ruhu sabiex jikkontesta t-talbiet attrici, bir-rizultat li l-konvenut kellu kull opportunita’ li jipprezenta d-difiza tieghu sabiex jikkonvinci lil dan it-Tribunal li effettivament kien hallas dawn il-flus lis-socjeta’ konvenuta.

Dan kien ir-rimedju li tatu l-ligi u li ma hax vantagg minnu u ghalhekk, bl-istess sentenza u b’nuqqas ta’ provi konkreti ghal kuntrarju ta’ dak allegat mis-socjeta’ konvenuta, inghatat sentenza, liema sentenza ghaddiet res iudicata stante li ma kienx gie pprezentat appell.

Ghalhekk, l-attur, f’dan il-kaz ma utilizzax ir-rimedji li kellu u ghaldaqstant ma jistax issa jippretendi li jiftah kawza kontra s-socjeta’ konvenuta u jallega li kien hemm arrikiment indebitu da parti ta’ l-istess socjeta’ ghaliex kellu kull opportunita’ li jipprova li kien ghamel dan il-hlas f’proceduri ohra, u dan m’ghamlux, minkejja li legalment kien jaf bihom.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta stante li l-azzjoni attrici hija llegalment insostenibbli. Bl-ispejjes ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------